Ġużè Muscat Azzopardi

1853-1927

Missier il-Letteratura Maltija

- Jitqies bħala dak li qiegħed is-sisien li fuqhom inbniet il-letteratura Maltija u baqa' magħruf għall-ħidma tiegħu biex imexxiha 'l quddiem.
- Ħaddem il-forom letterarji ewlenin (il-proża, il-poeżija u d-drama) bil-għan li joħloq letteratura nazzjonali.

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti

- Jibqa' magħruf għat-twaqqif tal-**Għaqda tal-Kittieba tal-Malti** fl-1920 li aktar tard saret magħrufa bħala l-**Akkademja tal-Malti**.
- Kien l-ewwel President tal-Għaqda u fl-1925 sar l-ewwel editur tar-rivista ***Il-Malti*** li għadha toħroġ sal-lum.

Il-Poeta

Ħafna mill-poeżiji tiegħu jinstabu f'***Versi*** (1876), ***Ħamsin Poeżija bil-Malti*** (1890), ***Ġabra Żgħira - Proża u Poeżija*** (1928) u ***Ġabra Sħiħa ta' Sunetti bi Studju Fuqhom tal-Kittieb Innifsu*** (1956).



Produzzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

Riċerka: Joseph Buttigieg. **Disinn:** Paul Gatt, Ingrid Vella. **Ħajr lil:** Joe Borg, Doreen Coleiro, George Mifsud, David Muscat, Olvin Vella u Midsea Books Ltd.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

“Il-Malti hu l-ilsien tal-kotra tal-Maltin u kif niftiehmu bih ma niftiehmu b’ebda lsien ieħor.”

Il-Malti - Editorjal, 1926



It-Traduttur u d-Drammaturgu



- Qaleb għall-Malti diversi xogħlijiet, ħafna minnhom reliġjużi, mit-Taljan u mil-Latin fosthom l-**Atti tal-Appostli**, il-**Vanġeli** u l-**Missall**.

- Għandu wkoll xi xogħlijiet għall-palk, uħud oriġinali u oħrajn maqlubin għall-Malti.

Ir-Rumanzier

- Spikka ħafna bħala kittieb ta’ rumanzi li jseħħu f’xi perjodu storiku partikulari f’Malta u mżewqin bl-immaġinazzjoni tiegħu jew b’xi ġrajja ta’ mħabba.



- Fost l-aktar magħrufa hemm ***Toni Bajjada*** (1878), ***Susanna*** (1883) u ***Nazju Ellul*** (1909).



Il-Qasam Ġurnalistiku

- Ħareġ jew mexxa diversi ġurnali bil-Malti fosthom ***In-Naħla Maltija*** (1877), ***Id-Dawl*** (1892), ***Is-Salib*** (1901) u ***Il-Ħabib*** (1912).

- Ried li l-ġurnali tiegħu jservu ta’ ġid soċjali billi jedukaw, jagħtu gost u jxerrdu l-kitba bil-Malti.

Produzzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

Riċerka: Joseph Buttigieg. **Disinn:** Paul Gatt, Ingrid Vella. **Ħajr lil:** Joe Borg, Doreen Coleiro, George Mifsud, David Muscat, Olvin Vella u Midsea Books Ltd.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu